

Brussell, 14 ta' Ottubru 2021
(OR. en)

12833/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0322(NLE)

FISC 166
ECOFIN 975

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Ottubru 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 626 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza lill-Estonja ddañħal miżura li tidderoga mill-Artikolu 26(1), il-punt (a), u l-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 626 final.

Mehmuż: COM(2021) 626 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.10.2021
COM(2021) 626 final

2021/0322 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lill-Estonja ddaħħal miżura li tidderoga mill-Artikolu 26(1), il-punt (a), u l-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Skont l-Artikolu 395(1) tad-Direttiva 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (“id-Direttiva tal-VAT¹”), il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru japplika miżuri speċjali għal deroga mid-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva, sabiex jissimplifika l-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew biex jipprevjenu ċerti forom ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa.

Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fit-12 ta' Frar 2021, l-Estonja talbet awtorizzazzjoni biex iddaħħal miżura li tidderoga mill-prinċipji ġenerali li jirregolaw id-dritt ta' deduzzjoni l-VAT tal-input fir-rigward tal-infiq marbut mal-karozzi tal-passiġġieri li ma jintużawx unikament għal finijiet kummerċjali.

F'konformità mal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva tal-VAT, il-Kummissjoni, permezz ta' ittra datata d-19 ta' Marzu 2021, infurmat lill-Istati Membri l-oħrajn bit-talba tal-Estonja. Permezz ta' ittra datata t-23 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Estonja li kellha l-informazzjoni kollha li tqis li kellha bżonn biex tevalwa t-talba.

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-Artikolu 168 u 168a tad-Direttiva tal-VAT jistipula li persuna taxxabli hija intitolata għal deduzzjoni tal-VAT dovut minn fuq xiri li jkun sar għal finijiet ta' tranżazzjonijiet taxxabli. L-Artikolu 26(1)(a) tal-istess Direttiva jeżiġi li l-użu ta' merkanzija li tiffirma parti mill-assi ta' negozju għal finijiet privati, ikun provvista ta' servizzi li jitqiesu jekk il-VAT fuq il-merkanzija kienet eliġibbli għal deduzzjoni. Din is-sistema tippermetti l-irkupru tal-VAT li tkun ġiet dedotta fil-bidu b'rabta mal-użu privat.

Fil-każ ta' karozzi tal-passiġġieri, huwa diffiċli li din is-sistema tiġi applikata, b'mod partikolari minħabba li diffiċli li ssir distinzjoni ċara bejn l-użu privat u dak professjonali. Meta jinżammu r-reġistri, iż-żamma u l-verifika tagħhom iżidu piż addizzjonali kemm fuq l-impriża kif ukoll fuq l-amministrazzjoni.

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, l-Istati Membri jistgħu japplikaw miżuri ta' deroga mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-VAT sabiex jissimplifikaw il-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew biex jipprevjenu ċerti tipi ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa jekk ikunu ġew awtorizzati mill-Kunsill.

L-Estonja ġiet awtorizzata abbażi tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/797/UE² biex tillimita għal 50 % id-dritt ta' deduzzjoni tal-VAT fuq ix-xiri, il-lokazzjoni, l-akkwist intra-Komunitarju, u l-importazzjoni ta' ċerti karozzi tal-passiġġieri kif ukoll in-nefqa relatata magħhom meta daww il-karozzi ma jintużawx unikament għal finijiet kummerċjali. Il-validità tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/797/UE ġiet

¹ ĠU 347, 11.12.2006, p.1.

² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2014/797 tas-7 ta' Novembru 2014 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Estonja biex tapplika miżura ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u l-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 330, 15.11.2014, p. 48).

estiża bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2017/1854/UE³ sal-31 ta' Diċembru 2020.

Minħabba li l-validità tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2014/797 kienet skadiet qabel ma l-Estonja ppreżentat, fi Frar 2021, l-aħħar talba biex il-kamp ta' applikazzjoni temporali tagħha jiġi estiż ulterjorment, din it-talba se tiġi ttrattata bħala talba oriġinali biex tiġi applikata miżura li tidderoga mill-prinċipji ġenerali li jirregolaw id-dritt ta' deduzzjoni tal-VAT tal-input fir-rigward tan-nefqa marbuta mal-karozzi tal-passiġġieri li ma jintużawx unikament għal finijiet kummerċjali.

Għalhekk, l-Estonja talbet li titħalla tillimita d-dritt ta' deduzzjoni għal perċentwal stabbilit u min-naħa l-oħra biex tneħħi l-obbligu li n-negozji jiddikjaraw it-taxxa fuq l-użu privat. Dan għandu l-benefiċċju li jissimplifika s-sistema għal dawk kollha kkonċernati u fl-istess ħin tippreveni l-evażjoni jew l-evitar tat-taxxa minħabba żamma ta' rekords skorretta.

L-Estonja infurmat lill-Kummissjoni li r-raġunijiet għall-għoti tal-miżura huma fil-biċċa l-kbira l-istess bħal dawk stabbiliti fit-talbiet li wasslu għad-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/797/UE u 2017/1854/UE.

L-Estonja ppreżentat *data* li tissuġġerixxi li mill-mument tal-implimentazzjoni tad-deroga skont id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/797/UE, il-maġġoranza l-kbira tal-karozzi tal-kumpaniji komplew jintużaw għal finijiet privati, u dan jikkonferma li d-deroga hija ġġustifikata.

Jenħtieġ li din il-miżura tapplika għall-vetturi tal-passiġġieri kollha b'massimu ta' tmien sedili minbarra s-sedil tas-sewwieq, li ma jaqbżux it-3 500 kilogramma u li ma jintużawx esklużivament għal finijiet kummerċjali. Madankollu, il-karozzi tal-passiġġieri li jintużaw għal ċerti attivitajiet speċifiċi jiġu ttrattati skont ir-regoli normali: karozzi mixtrijin biex jerġgħu jinbiegħu, għall-kiri jew għal-lokazzjoni, karozzi użati għat-trasport tal-passiġġieri (bħat-taksis) u karozzi użati għal-lezzjonijiet tas-sewqan.

Jenħtieġ li r-restrizzjoni tad-dritt ta' deduzzjoni tapplika għall-VAT imħallsa fuq ix-xiri, il-lokazzjoni, l-akkwist intra-Komunitarju u l-importazzjoni ta' karozzi tal-passiġġieri speċifikati kif ukoll fuq in-nefqa marbuta magħhom.

Skont l-Estonja, jenħtieġ li l-limitu ta' deduzzjoni jiġi stabbilit għal 50 %, minħabba li s-sitwazzjoni baqgħet ma nbidlitx meta mqabbla ma' meta l-miżura speċjali ġiet introdotta għall-ewwel darba fl-2014. Għalkemm l-użu privat tal-karozzi tal-kumpaniji fl-Estonja huwa stmat li huwa madwar 60 %, abbażi ta' evidenza indiretta u suppożizzjonijiet disponibbli għall-awtoritajiet tat-taxxa Estonjani, limitu ta' deduzzjoni tal-VAT tal-input ta' 50 % huwa meqjus l-aktar xieraq, sabiex tiġi eskluża l-possibbiltà ta' sopravvalutazzjoni tal-proporzjon tal-użu privat tal-karozzi tal-passiġġieri.

Minħabba l-impatt pożittiv tal-miżura fuq il-piż amministrattiv kemm tal-kontribwenti kif ukoll tal-awtoritajiet tat-taxxa, qed jiġi propost li tiġi awtorizzata l-miżura ta' deroga. Jenħtieġ li l-awtorizzazzjoni tkun limitata fiż-żmien, jiġifieri sal-31 ta' Diċembru 2024, sabiex ikun jista' jrid rieżami tan-neċessità u l-effikaċja tal-miżura li tidderoga u r-rata ta' porzjonament

³ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1854 tal-10 ta' Ottubru 2017 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/797/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Estonja biex tapplika miżura ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u mill-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 265, 14.10.2017, p. 17).

bejn l-użu kummerċjali u dan mhux kummerċjali li hija bbażata fuqu. Jenħtieġ li kull talba għal estensjoni tkun akkumpanjata b'rapport li jinkludi rieżami tal-perċentwal applikat u li tintbagħat lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2024.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Derogi simili b'rabta mad-dritt ta' deduzzjoni ngħataw lil Stati Membri oħrajn (l-Ungerija⁴, il-Latvja⁵, il-Kroazja⁶, il-Polonja⁷, l-Italja⁸ u r-Rumanija⁹).

L-Artikolu 176 tad-Direttiva tal-VAT jistipula li l-Kunsill għandu jiddetermina n-nefqa li minnha ma tistax tiġi dedotta l-VAT. Sakemm dan iseħħ, huwa jawtorizza lill-Istati Membri jkomplu japplikaw l-esklużjonijiet, li kienu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1979. Għalhekk, hemm għadd ta' dispożizzjonijiet ta' sospensjoni li jirrestrinġu d-dritt għal tnaqqis tal-VAT b'rabta mal-karozzi tal-passiġġieri.

Minkejja l-inizjattivi preċedenti biex jiġu stabbiliti regoli dwar liema kategoriji tan-nefqa jistgħu jkunu soġġetti għal restrizzjoni fuq id-dritt ta' deduzzjoni¹⁰, tali deroga hija xierqa sakemm dawn ir-regoli jiġu armonizzati fil-livell tal-UE.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Meta titqies id-dispożizzjoni tad-Direttiva tal-VAT li l-proposta hija bbażata fuqha, il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

⁴ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1493 tat-2 ta' Ottubru 2018 li tawtorizza lill-Ungerija biex iddaħħal miżura speċjali ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u l-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, ĠU L 252, 8.10.2018, p. 44–46.

⁵ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1921 tal-4 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2429 li tawtorizza lil-Latvja biex iddaħħal miżura speċjali ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u l-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, ĠU L 311, 7.12.2018, p. 36–37.

⁶ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1994 tal-11 ta' Diċembru 2018 li tawtorizza lill-Kroazja biex iddaħħal miżura speċjali ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u l-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, ĠU L 320, 17.12.2018, p. 35–37.

⁷ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1594 tal-24 ta' Settembru 2019 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/805/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja biex tintroduċi miżuri li jidderogaw mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u l-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, ĠU L 248, 27.9.2019, p. 71–72.

⁸ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2138 tal-5 ta' Diċembru 2019 li temenda d-Deċiżjoni 2007/441/KE li tawtorizza lir-Repubblika Taljana sabiex tapplika miżuri ta' deroga mill-Artikoli 26(1)(a) u 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, ĠU L 324, 13.12.2019, p. 7–8.

⁹ Id-Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1262 tal-4 ta' Settembru 2020 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/232/UE li tawtorizza lir-Rumanija tapplika miżuri ta' deroga mill-Artikolu 26(1)(a) u mill-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, ĠU L 296, 10.09.2020, p. 6.

¹⁰ KUMM (2004) 728 finali - Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 77/388/KEE bl-għan li jiġu ssimplifikati l-obbligazzjonijiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU C 24, 29.1.2005, p.10) irtirata fil-21 ta' Mejju 2014 (ĠU C 153 21. 05. 2014, p. 3)

- **Proporzjonalità**

Id-Deċiżjoni tikkonċerna awtorizzazzjoni mogħtija lil Stat Membru wara talba tiegħu stess u ma tikkostitwixxi l-ebda obbligu.

Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni limitat tad-deroga, il-miżura speċjali hija proporzjonata mal-għan li jrid jintlaħaq, jiġifieri l-prevenzjoni ta' ċerti forom ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa. B'mod partikolari, meta jitqies il-potenzjal li n-negozji jonqsu milli jiddikjaraw bis-sħiħ ir-responsabbiltajiet tagħhom u l-verifiki skabrużi tad-*data* dwar il-kilometraġġ lill-awtoritajiet tat-taxxa, ir-restrizzjoni ta' 50 % tissimplifika l-għbir tal-VAT f'settur speċifiku.

- **Għażla tal-istrument**

Strument propost: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, deroga mir-regoli komuni tal-VAT tkun possibbli biss bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni. Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill hija l-aktar strument xieraq minħabba li tista' tiġi indirizzata lil Stat Membru individwali.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Din il-proposta hija bbażata fuq talba li saret mill-Estonja u tikkonċerna lil dan l-Istat Membru biss.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Ma kien hemm l-ebda bżonn ta' għarfien espert estern.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta għandha l-għan li tissimplifika l-proċedura għall-għbir tat-taxxa billi tneħħi l-ħtieġa li persuni taxxabli jżommu rekords dwar l-użu privat ta' karozzi tal-passiġġieri speċifikati u, fl-istess ħin, tipprevjoni li jkun hemm evażjoni tal-VAT permezz ta' żamma ta' rekords skorretta. Għalhekk, hija għandha impatt potenzjalment pożittiv kemm għan-negozji kif ukoll għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa. L-Estonja tqis li din is-soluzzjoni hija miżura adegwata u hija komparabbli ma' derogi oħrajn tal-imgħoddi u tal-lum.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-miżura ta' deroga jkollhom biss effett negliġibbli fuq l-ammont globali tad-dħul mit-taxxa miġbur fl-istadju tal-konsum finali u mhux se jkollha effett negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jinġabru mit-taxxa fuq il-VAT.

5. ELEMENTI OĦRA

Il-proposta hija limitata biż-żmien u tinkludi klawżola ta' estinzjoni għall-31 ta' Diċembru 2024.

F'każ li l-Estonja tikkunsidra estensjoni oħra tal-miżura speċjali lil hinn mill-2024, jenħtieġ li jintbagħat rapport lill-Kummissjoni li jinkludi rieżami tal-limitu tal-perċentwal flimkien mat-talba għal estensjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2024.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lill-Estonja ddaħħal miżura li tidderoga mill-Artikolu 26(1), il-punt (a), u l-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud¹, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE jistabbilixxu d-dritt li persuni taxxabli jiddeduċu t-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) imposta fuq il-provvista ta' merkanzija u ta' servizzi li jirċievu li jintużaw għall-finijiet tat-tranżazzjonijiet intaxxati tagħhom. Skont l-Artikolu 26(1), il-punt (a) ta' dik id-Direttiva, l-użu ta' assi tan-negozju għall-użu privat ta' persuni taxxabli jew tal-persunal tagħhom jew, b'mod aktar ġenerali, għal finijiet oħra li ma jkunux dawk tan-negozju tagħhom irid jiġi ttrattat bħala provvista ta' servizzi.
- (2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/797/UE² tawtorizza lill-Estonja biex tirrestrinġi d-dritt ta' deduzzjoni tal-VAT għal 50 % fuq ix-xiri, il-lokazzjoni, l-akkwist intra-Komunitarju u l-importazzjoni ta' ċerti karozzi tal-passiġġieri u biex teħles mill-obbligu li l-persuna taxxabli jkollha tiddikjara l-VAT fuq l-użu mhux kummerċjali tal-vetturi koperti minn din ir-restrizzjoni sal-31 ta' Diċembru 2017.
- (3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2017/1854/UE³ estendiet id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/797/UE sal-31 ta' Diċembru 2020.
- (4) Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fit-12 ta' Frar 2021, l-Estonja ressqet talba lill-Kummissjoni biex tiġi awtorizzata tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 26(1), il-punt (a), u l-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE sabiex tillimita d-dritt ta' deduzzjoni fir-rigward tax-xiri, il-lokazzjoni, l-akkwist intra-

¹ ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/797/UE tas-7 ta' Novembru 2014 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Estonja biex tapplika miżura ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u l-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 330, 15.11.2014, p. 48).

³ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1854 tal-10 ta' Ottubru 2017 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/797/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Estonja biex tapplika miżura ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u mill-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 265, 14.10.2017, p. 17).

Komunitarju u l-importazzjoni ta' ċerti karożżi tal-passiġġieri użati għal finijiet mhux kummerċjali.

- (5) F'konformità mal-Artikolu 395(2), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2006/112/UE, il-Kummissjoni, permezz ta' ittra datata d-19 ta' Marzu 2021, infurmat lill-Istati Membri l-oħrajn bit-talba tal-Estonja. Permezz ta' ittra tat-23 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Estonja li kellha l-informazzjoni kollha li tqis li kellha bżonn biex tevalwa t-talba.
- (6) Ħafna drabi jkun diffiċli ħafna li jiġi identifikat preċiżament l-użu mhux kummerċjali tal-karożżi tal-passiġġieri, u anke meta jkun possibbli, il-mekkaniżmu meħtieġ biex dan isir huwa wieħed oneruż. Skont l-awtorizzazzjoni mitluba, jenħtieġ li, ħlief f'xi eċċezzjonijiet, l-ammont ta' VAT fuq in-nefqa eliġibbli għad-deduzzjoni fir-rigward ta' vetturi tal-passiġġieri li ma jintużawx unikament għal finijiet kummerċjali ikun iffissat b'rata perċentwali fissa. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli attwalment, l-awtoritajiet Estonjani jemmnu li rata ta' 50 % hija ġustifikabbli. Fl-istess ħin, sabiex tiġi evitata t-tassazzjoni doppja, jenħtieġ li r-rekwiżit ta' dikjarazzjoni tal-VAT fuq l-użu mhux kummerċjali ta' karożżi tal-passiġġieri jkun sospiż meta dawn ikunu ġew soġġetti għal limitazzjoni. Din il-miżura ta' simplifikazzjoni tneħħi l-ħtieġa li jinżammu rekords dwar l-użu privat ta' karożżi kummerċjali u, fl-istess ħin, tipprevjeni l-evażjoni tat-taxxa permezz taż-żamma ta' rekords skorretta.
- (7) Jenħtieġ li l-limitazzjoni tad-dritt ta' deduzzjoni skont l-awtorizzazzjoni mitluba tapplika għall-VAT imħallsa fuq ix-xiri, il-lokazzjoni, l-akkwist intra-Komunitarju u l-importazzjoni ta' kategoriji speċifiċi ta' karożżi tal-passiġġieri u fuq l-infiq marbut magħhom, inkluż ix-xiri tal-fjuwil.
- (8) Jenħtieġ li l-awtorizzazzjoni mitluba tapplika biss għall-karożżi tal-passiġġieri b'piż massimu awtorizzat ta' mhux aktar minn 3 500 kilogramma u li ma jkollhomx aktar minn tmien sedili minbarra s-sedil tas-sewwieq, peress li kull użu mhux kummerċjali tal-karożżi tal-passiġġieri li jaqbżu it-3 500 kilogramma jew li jkollhom aktar minn tmien sedili minbarra s-sedil tas-sewwieq, huwa negliġibbli minħabba n-natura ta' daww il-karożżi tal-passiġġieri jew it-tip ta' kummerċ li jintużaw għalih. Jenħtieġ li tiġi pprovduta wkoll lista dettaljata ta' karożżi tal-passiġġieri speċifiċi esklużi minn dik l-awtorizzazzjoni, abbażi tal-użu partikolari tagħhom.
- (9) Jenħtieġ li l-awtorizzazzjoni tkun limitata fiż-żmien sal-31 ta' Diċembru 2024, sabiex ikun jista' jsir rieżami tan-neċessità u l-effikaċja tal-miżura derogattiva u r-rata ta' porzjonament bejn l-użu kummerċjali u dak mhux kummerċjali li hija bbażata fuqu.
- (10) Jekk l-Estonja tikkunsidra li tkun meħtieġa estensjoni tal-awtorizzazzjoni għal wara l-2024, ikun jenħtieġ li, sal-31 ta' Marzu 2024, tibgħat talba lill-Kummissjoni għal estensjoni flimkien ma' rapport li jinkludi rieżami tal-perċentwal applikat.
- (11) Id-deroga se jkollha biss effett negliġibbli fuq l-ammont kumplessiv tad-dħul mit-taxxa miġbur fl-istadju tal-konsum finali u mhux se jkollha effett negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jiġu mill-VAT,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

B'deroga mill-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE, l-Estonja hija awtorizzata tillimita għal 50 % id-dritt ta' deduzzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud fuq in-nefqa fuq karożżi tal-passiġġieri li ma jintużawx unikament għal finijiet kummerċjali meta dik in-nefqa

tkopri x-xiri, il-lokazzjoni, l-akkwist intra-Komunitarju jew l-importazzjoni ta' karożżi tal-passiġġieri li ma jintużawx unikament għal finijiet kummerċjali, kif ukoll fuq in-nefqa relatata mal-manutenzjoni u t-tiswija ta' tali karożżi u max-xiri tal-fjuwil għalihom.

Artikolu 2

B'deroga mill-Artikolu 26(1), il-punt (a), tad-Direttiva 2006/112/KE, l-Estonja ma għandhiex tittratta bħala provvista ta' servizzi l-użu għal finijiet mhux kummerċjali ta' karożza tal-passiġġieri inkluża fl-assi tan-negozju ta' persuna taxxabbli, meta dik il-karożza kienet suġġetta għal limitazzjoni awtorizzata skont l-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

1. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika biss għal karożżi tal-passiġġieri b'piż massimu awtorizzat li ma jaqbiżx it-3 500 kilogramma u li ma jkollhomx aktar minn tmien sedili minbarra s-sedil tas-sewwieq.
2. Din id-deċiżjoni ma għandhiex tapplika għall-kategoriji ta' karożżi tal-passiġġieri li ġejjin:
 - (a) karożżi mixtrijin biex jerġgħu jinbiegħu, għall-kiri jew għal-lokazzjoni;
 - (b) karożżi użati għat-trasport tal-passiġġieri bi h̄las, inklużi servizzi tat-taksi;
 - (c) karożżi użati biex jingħataw lezzjonijiet tas-sewqan.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2024. Kull talba għall-estensjoni tal-awtorizzazzjoni prevista f'din id-Deċiżjoni għandha tintbagħat lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2024 u għandha tkun akkumpanjata b'rapport li jinkludi rieżami tal-perċentwal stabbilit fl-Artikolu 1.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Estonja.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President